MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2003

Avvi$Z Numru. 724/1997/1

**Medway Marine Ltd**

**Vs**

**Fibermar Co. Ltd**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta’ attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhix tkun ikkundannata li thallas lill-istess socjeta attrici is-somma ta’ mija u hamsa u disghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm195.50) rappresentanti xoghol tal-“bending ta’ 68 pipes” liema somma tinkludi wkoll l-vat.

Bl-ispejjes inkluz ta’ ittra bonarja tal-25 ta’ Gunju 1996 u ittra ufficjali tal-5 ta‘ Marzu 1997 u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta konvenuta (fol 6 ibid) u li biha eccepiet bir-rispett:-

1. Illi t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi x-xoghol in kwistjoni effettivament sar kollu mis-socjeta' esponenti, kif ser jirrizulta aktar dettaljatament fil-kors tal-provi;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ebda hlas ma huwa dovut lis-socjeta' attrici ai termini tal-ftehim verbali milhuq bejn il-partijiet fis-sens illi x-xoghol ezegwit mis-socjeta' attrici kellu jsir minghajr hlas sabiex jikkumpensa ghal servizzi ohra rezi mis-socjeta' konvenuta ghall-beneficcju tal-istess socjeta' attrici.

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 38 tal-istess atti.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, hawnhekk, jrid jigi notat li kif hemm verbalizzat a fol 38 tal-istess atti, il-partijiet kellhom jissottomettu noti tal-osservazzjonijiet bil-miktub minflok trattazzjoni orali u dan fuq talba tal-istess socjeta' attrici. Hawnhekk, il-Qorti tinnota, b'certu dispjacir, li s-socjeta attrici, li kellha tissottometti l-ewwel nota, ma ottempratx ruhha ma dak li talbet hi stess avolja l-istess nota kellha tigi sottomessa <u>sat-30 ta' Ottubru 2000</u>".

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, dan premess, jidher li l-"facts at issue" f'dan il-kaz huma s-segwenti:-

a) Is-socjeta' konvenuta kienet gabet fl-impjant ta' dik attrici sitwata fuq "Manoel Island" kwantita ta' pajpijiet tal-ilma taz-zewg pulzieri sabiex jigi esegwit xoghol fuqhom. Dan ix-xoghol kien jikkonsisti f'<u>"bending"</u> tal-istess pajpijiet permess ta' magna appartenenti lill-istess socjeta attrici.

b) B’kollox, sabiex, jigi esegwit dan ix-xoghol kienu ingiebu, fi perjodu ta‘ jumejn, tmienja u sittin (68) “pipe” sabiex l-istess xoghol jsir b’urgenza.

c) Meta dan ix-xoghol kollu tlesta, Giuseppi Cassar, f’isem is-socjeta attrici xehed (fol 13 et seq ibid) kien tkellem “… lil wiehed minnhom” ossija wiehed mill-konvenuti in rapprezentanza tas-socjeta konvenuta. Hawnhekk hu kien indika lil dan li l-prezz tax-xoghol kien Lm2.50.0 il-wiehed eskluz it-taxxa fuq il-valur mizjud minflok dak normali ta’ Lm5 u dan sabiex “inzomm ir-relazzjonijiet tajbin u waqt li jista’ jkun hemm iktar xoghol ghall-kumpanija fil-futur.

d) Filfatt ma kien sar ebda pagament avolja kienu saru diversi telefonati sakemm f’okkazzjoni wahda kien ircieva risposta “li dawk huwa hadimhom” fis-sens li x-xoghol kien sar mill-istess socjeta konvenuta u l-istess socjeta attrici kienet obligata lejn dik konvenuta minhabba li din kienet tibghat “hafna nies” ghand l-istess socjeta attrici sabiex dawn “juzaw s-servizzi taghha”.

e) In rigward l-esekuzzjoni tal-istess xoghol kien hu stess li hareg il-magna barra “biex nibda’ naghmel ix-xoghol kif talbuna u ordnaw l-istess Fibermar” bl-ghajnuna ta’ Joseph Bonnici. Meta dan xehed, hu sahaq li kien Giuseppi Cassar li pprepara l-istess magna sabiex jsir ix-xoghol ta’ “bending”. Inoltre hu kkonferma li meta x-xoghol tlesta f’perjodu ta’ jumejn, l-istess Giuseppi Cassar kien indika “li kien se johdilhom b’nofs prezz” ossija bir-rata ta’ Lm2.50,0 kull sitt metri ta’ pipe (ara ukoll ix-xhieda ta’ Alfred Cassar a fol 15 ibid). L-istess Giuseppi Cassar, in kontro esami spjega, f’aktar dettal, kif gie esegwit l-istess xoghol b’”Jiena kont qed immexxi l-operazzjoni kollha” u billi jaghmel l-aggustamenti kollha fil-magna msemmija. In rigward dan, hu specifika “…. nahdmu fuq dawn il-pajpijiet konna tlieta. Wiehed fuq wara, jerfa’ l-“pipe”. Jiena nidderigi il-pipe ghal gol-magna u l-iehor fuq wara tal-magna”.

f) In rigward is-socjeta’ konvenuta, din issostni kif xehed Bonaventura Farrugia (fol 21 et seq ibid) li haddiema tal-

istess socjeta' konvenuta kienu hadu l-oggetti in kwistjoni ghand is-socjeta' attrici "u sar ix-xoghol hemmhekk mill-haddiema tieghu" bl-uzu tal-"bending machine" appartenenti lis-socjeta' attrici. Inoltre dan ix-xhud spjega li l-istess xoghol kellu jsir b'xejn minhabba l-istess ragjunijiet hawn fuq spjegati. Grazio sive Lizio Galea (fol 26 et seq ibid) sostna wkoll "li x-xoghol sar minnha" waqt li impjegati tas-socjeta' attrici kienu urew lill-haddiema ta' dik konvenuta kif tahdem il-magna. Pero, jigi notat wkoll li l-istess xhud testwalment qal "Ma nahsibx li tax-xoghol li sar, me kellhiex tithallas is-socjeta' attrici. Fi kliemu stess 'xejn b'xejn ma taghmel xejn' ". Filfatt hu qal ukoll li "Giuseppi Cassar issettja il-magna" u "… in rigward l-ewwel zewg pajpijiet, uriena kif is-Sur Cassar" u dan biss (ara ukoll ix-xhieda ta' Anthony Coleiro a fol 30 et seq ibid).

Ikkunsidrat

Illi mill-premess jidher evidenti li l-appalt, in kwistjoni, kien gie esegwit permezz ta' magna appartenenti lis-socjeta' attrici u sitwata fil-post tal-istess socjeta attrici f'Manoel Island. L-istess xoghol jidher li gie esegwit, taht is-supervisjoni ta' Giuseppe Cassar, mghejjun minn zewg impjegati tas-socjeta' konvenuta kif ukoll Joseph Bonnici. Ghalhekk ma hemm ebda dubbju li l-istess Giuseppe Cassar kien determinanti fl-esekuzzjoni ta' dan l-appalt da parti tas-socjeta' attrici skond kif inkarigata mis-socjeta konvenuta. Konsegwentement, ma hux minnu dak allegat fl-ewwel eccezzjoni sottomessa minn din is-socjeta'.

Ikkunsidrat

Illi hu pacifiku li ma jistax jigi presunt illi servizz moghti gew xoghol esegwit hu gratwitu. Filfatt ghandu jigi ritenut li f'kaz li persuna issostni li l-istess servizz kellu jkun gratwitu, dan ghandu jigi pruvat minn min jallega dan bi prova konvincenti. Fil-kaz "in desamina" tali prova ma' gietx prodotta u ghalhekk jidher li s-socjeta' attrici ghandha tigi kompensata ghax-xoghol esegwit minnha kif del resto, ammetta Grazio sive Lizio Galea.

Illi, inoltre, f'dan il-kaz ma jistax jigi accettat li dak dovut f'dan il-kaz ghandu jigi kompensat minhabba "servizzi ohra rezi mis-socjeta' konvenuta ghal beneficcju tal-istess socjeta' attrici". Difatti l-artikolu 1197 tal-Kodici Civili jistipula t-tpacija topera f'kaz ta' debiti likwidi u dovuti, liema cirkostanzi f'dan il-kaz, ma gewx pruvati.

Illi, fl-ahhar nett, jidher li l-istess socjeta' attrici qed tippretendi hlas tal-ammont dovut a basi ta' rata mnaqqsa, kif spjega l-istess Giuseppe Cassar, fix-xhieda tieghu.

Ikkunsidrat

Illi ghalhekk l-eccezzjonijiet sollevati ghandhom jigu michuda u t-talbiet attrici akkolti.

Ghal dawn il-motivi tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm195.50,0 bl-imghax legali mill-5 ta' Marzu 1997 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra bonarja tal-25 ta' Gunju 1996 u ta' dik ufficjali tal-5 ta' Marzu 1997.

--------------------------------TMIEM--------------------------------